MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1549/1999/1

**Paul Bugeja u Hector Cassola, fil-kwalita' tagħhom rispettiva ta' Sindku u Segretarju, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

**-vs-**

**Francis Scicluna.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-30 ta' Ġunju, 1999 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi f'konferenza stampa miżmuma fl-uffiċini tal-Koperattiva Indafa Pubblika fil-Ħamru fid-19 ta' Ġunju, 1999 il-konvenut għamel diskors pubbliku fil-preżenza ta' numru ta' ġurnalisti

fejn attribwixxa fatti determinati fil-konfront tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tiegħu u li jesponih għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku, liema diskors ġie riprodott fil-mezzi tal-istampa u tax-xandir kif jirriżulta mill-annessi dokumenti.

Illi fil-mezzi tax-xandir u l-istampa ġie ppubblikat li waqt l-imsemmija konferenza stampa l-konvenut allega li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar kien wiegħed lill-Koperattiva tal-Indafa Pubblika t-*tender* maħruġ f'Marzu 1998 għall-kuntratt tal-ġbir tal-iskart bil-patt li dik il-parti tal-kuntratt rigwardanti s-servizz ta' *mechanical sweepers* tingħata lil Joseph Vella, membru tal-koperattiva u *ex Chairman* ta' l-istess Koperattiva. Peress illi din l-allegazzjoni hija kompletament falza u malafamenti tant illi c-*Chairman* tal-Koperattiva ta' dak iż-żmien Paul Vella diġa' irrilaxxja affidavit fejn ċaħad kategorikament l-allegazzjonijiet foloz tal-konvenut fil-konfront tal-Kunsill Lokali.

Illi fil-mezzi tax-xandir u l-istampa ġew irrappurtati numru ta' allegazzjonijiet foloz u malafamanti oħra li l-konvenut għamel f'dik l-okkażjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali attur.

Illi l-Kunsill Lokali attur bħala l-parti malafamata u offiża għandha d-dritt għad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Liġi tal-Istampa (Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-diskors pubbliku magħmul mill-konvenut fil-Ħamrun fid-19 ta' Ġunju, 1999, liema diskors fil-fatt ġie ppubblikat u mxandar, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tal-attur u li jesponih għad-disprezz u għar-redikolu tal-pubbliku, u

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar dik is-somma li tiffissa dina l-Qorti f'ammont li ma jeċċedix il-ħamest elef Lira Maltin

(Lm5,000) bħala danni għal malafama b'applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Liġi tal-Istampa (Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tal-Qorti tad-9 ta' Lulju, 2003 li permezz tagħha l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-15 ta' Lulju, 2003 li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi dak irraportat mill-gazzetti ma kienx dak dikjarat mill-eċċipjenti tant illi diversi ġurnali rrapurtaw verżjonijiet differenti ta' kif seħħew id-diskussjonijiet u l-eċċipjenti jiċħad kategorikament illi stqarr dak irrapurtat fil-ġurnal The Sunday Times tal-20 ta' Ġunju, 1999, paragrafu 4 il-kliem "*The council had also bound the coperative to pay St. Paul's Bay Mayor Paul Bugeja Lm666.66 each month for using the sweeper*." Illi kif jista' jirriżulta ampjament dan id-diskors ma ntqalx u anke l-istess artiklu jkompli biex jikkonferma illi kien żball tal-istess artiklu u mhux diskors li ntqal mill-eċċipjenti u għalhekk it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni huma irriti u nulli. Illi in vista tal-premess jidher illi hemm lok għal kjamat in kawża, tal-Editur tal-istess ġurnal sabiex il-ġudizzju jkun integru;

2. Illi jsegwi illi fil-konfront ta' l-eċċipjenti, ma hemmx danni li din l-Onorabbli Qorti jeħtiġilha tiffissa fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement il-konvenut ma għandux iħallas għal ebda danni;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2006, u dawk ta’qabel, illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu ħlas ta’ danni *ai termini* tal-Liġi ta’ l-Istampa minħabba diskors allegatament magħmul mill-konvenut u riportat fil-ġurnal imsemmi fiċ-ċitazzjoni. L-eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li huwa ġie rrapportat ħażin u allura ma qalx id-diskors imputat lilu (fol 155).

Il-konvenut stess fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet jgħid illi l-attur Bugeja kien ikollu raġun iħoss ruħu malafamat b’dak li deher fil-ġurnal u cioe’ li l-Kunsill kien rabat lill-Ko-operattiva biex tħallsu sitt mija, sitta u sittin Lira Maltin u sitta u sittin ċenteżmu (Lm666.66) kull xahar għall-użu ta’ l-i*sweeper*.

Il-Qorti eżaminat fit-tul l-atti proċesswali u tħoss illi dak li ġara kien li l-konvenut, li kien membru tal-kumitat tal-ko-operattiva msemmija, spjega ruħu hazin dak li ried verament jgħid fis-sens li hu qatt ma kellu f’moħħu li jgħid li l-kunsill jew is-sindku kienu qed jieħdu l-flus imsemmija, għaliex fil-verita’ dan ma jagħmilx sens fil-mod kif kien jinħadem il-kuntratt ta’ l-indafa fil-lokalitajiet kollha, iżda ma hemmx dubbju li tant *ħawwad* fid-diskors, kif ngħidu bil-Malti, illi l-gurnali rrapportawh kif irrapportawh. Jidher infatti li ma kienx biss il-ġurnal imsemmi li rrapportah hekk, iżda oħrajn ukoll u sussegwentement huma rretifikaw dak li deher fil-ġurnal, wieħed jifhem fuq spjegazzjoni tal-konvenut.

Fil-fatt il-flus imsemmija kienu jingħataw lil Joseph Vella li kien sid is-*sweeper* in kwistjoni u dan kien parti mill-kuntratt.

Din hija l-unika spejgazzjoni loġika u l-Qorti konvinta li dan kien li ried jgħid il-konvenut. Fil-fatt anke meta ġie kontro-eżaminat, il-konvenut jidher li tħawwad u nsista li kellu l-provi dwar dak li ssuġġerilu li qal l-Avukat difensur ta' l-attur, iżda fit-tkomplija tax-xhieda tiegħu jidher li hu kien qed jirreferi għall-imsemmi Joseph Vella u mhux għall attur.

Dan ifisser li l-konvenut ma kellux ħsieb li jinġurja lill-atturi iżda ladarba d-diskors qalu hu u fehmuh bl-istess mod kważi l-ġurnali kollha, ifisser li xorta kkawża l-ħsara lill-atturi bil-mod kif esprima ruħu, forsi minħabba nuqqas ta' edukazzjoni. Dan għandu pero' iservi ta' tagħlima biex persuni li jkollhom dan in-nuqqas ma għandhomx jersqu 'il quddiem biex jimlew pożizzjonijiet ta' ċerta responsabilita' għaliex allura jista' jigri dak li ġara lill-konvenut u jidħol fejn ma jesgħux u jgħid diskors li jinftiehem ħażin u jagħmel ħsara lil terzi.

Għalhekk il-Qorti tħoss li l-atturi pprovaw illi l-konvenut għamlilhom malafama, iżda fil-likwidazzjoni tad-danni se tieħu kont tal-fatt li kif ġie spjegat huwa ma kellux dan il-ħsieb meta qal id-diskors, iżda messu qagħad attent kif tkellem.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi fil-kwalita' premessa s-somma ta' mitejn Lira Maltin (Lm200). L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------